



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-6 ta' Diċembru 2018

Settur tat-trasport ġewwa l-UE: il-pedament tal-integrazzjoni Ewropea, iżda l-investimenti waqgħu lura, jgħidu l-Awdituri

Skont analiżi panoramika ġdida li nħarġet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, it-titjib fil-mobbiltà u fit-trasport huwa l-pedament tal-integrazzjoni Ewropea, iżda t-tnaqqis fl-investment għall-infrastruttura tat-trasport żamm lura l-modernizzazzjoni tan-netwerk tat-trasport tal-UE. L-awdituri sabu li l-UE kienet għamlet progress fl-iżvilupp tal-infrastruttura u fil-ftuħ tas-suq intern tat-trasport, iżda huma jwissu li jeħtieġ li hija tindirizza sitt sfidi ewlenin biex tinkiseb mobbiltà aħjar ġewwa l-Unjoni. Dawn jinkludu t-tqabbil tal-oġettivi u tal-prijoritajiet mar-riżorsi, ippjanar aħjar, manutenzjoni tal-infrastruttura, infurzar effettiv, il-bidla mit-trasport tal-merkanzija bit-triq għal mezzi oħra ta' trasport kif ukoll li jiġi żgurati il-valur miżjud tal-UE. Din l-analiżi tipprovi wkoll stampa ġenerali u fatti ewlenin dwar is-settur tat-trasport ġewwa l-UE, il-ħtiġijiet ta' investment u d-disponibbiltà tal-fondi, kif ukoll is-sitwazzjoni attwali għall-ħames mezzi prinċipali ta' trasport: bit-triq, bil-ferroviji, bl-ajru, minn passaġġi fuq l-ilma interni u dak marittimu.

It-trasport jaffettwa direttament il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini kollha tal-UE u huwa settur strateġiku tal-ekonomija tal-UE, billi s-servizzi tat-trasport jipprovdu madwar 11-il miljun impjieg. L-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport tal-UE jirrikjedi nefqa finanzjarja konsiderevoli. Il-Kummissjoni Ewropea tistma li l-ħtiġijiet totali ta' investment f'dan il-qasam jammontaw għal madwar EUR 130 biljun fis-sena, bl-esklużjoni tal-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport. In-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), li huwa netwerk multimodali integrat li jippermetti li persuni u merkanzija jiċċaqilqu malajr u faċilment ġewwa l-UE kollha, huwa stmat li se jkun jiswa madwar EUR 500 biljun għan-netwerk ewlieni bejn l-2021 u l-2030; jekk jiġi inklużi n-netwerk komprensiv u investmenti oħra għat-trasport dan l-ammont jitla' għal madwar EUR 1.5 triljun.

L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà prinċipali għall-iżvilupp, il-finanzjament u l-bini tal-infrastruttura tat-trasport. L-UE tipprovi appoġġ għall-politika dwar it-trasport permezz ta' firxa ta' strumenti ta' finanzjament, b'valur totali ta' madwar EUR 193 biljun għall-perjodu 2007-2020. L-awdituri jwissu li r-rata ta' żvilupp tal-infrastruttura ġewwa l-UE tvarja, filwaqt li l-kwalità u d-disponibbiltà tal-infrastruttura f'ċerti żoni għadhom lura, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-Lvant. Minħabba d-disponibbiltà limitata ta' fondi pubbliċi wara l-kriżi ekonomika tal-2008, huwa kkunsidrat essenzjali li jiġi investiment

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-analiżi panoramika adottata mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-analiżi sħiħa tinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditors

eca.europa.eu

mis-settur privat fl-infrastruttura strateġika tat-trasport biex jiġi indirizzata il-fatt li l-investimenti f'din l-infrastruttura waqgħu lura.

*“L-UE u l-Istati Membri għamlu progress fl-iżvilupp tal-infrastruttura, iżda għad iridu jagħmlu jerġa’ sforzi akbar biex jindirizzaw kemm l-isfidi attwali li s-settur tat-trasport qed jiffaċċja kif ukoll dawk futuri,” qal **Ladislav Balko, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-analiżi.** “It-tnaqqis fl-investiment għall-infrastruttura tat-trasport żamm lura l-modernizzazzjoni tan-netwerk tat-trasport tal-UE, b’livelli medji ta’ investiment li huma ferm inqas minn dawk meħtieġa.”*

Fl-istess waqt, is-settur tat-trasport jirraappreżenta madwar kwart tal-emissjonijiet kollha ta’ gassijiet serra u, billi l-emissjonijiet mit-trasport reġgħu bdew jiżdienu wara l-2014, dan is-settur qed isir waħda mill-isfidi prinċipali għall-ilħuq tal-għanijiet kumplessivi tal-UE fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni. L-awdituri josservaw li diġà ġew proposti miżuri biex id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tiġi aċċellerata.

Barra minn hekk, l-awtomatizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-mobbiltà kondiviżiva huma xejriet li qed jiżdienu rapidament u li għandhom il-potenzjal li jagħmlu s-sistemi tat-trasport aktar effiċjenti. Madankollu, l-awdituri jenfasizzaw il-fatt li teknoloġiji u xejriet tal-mobbiltà ġodda jiġbu wkoll magħhom sfidi relatati mal-adegwatezza tal-qaqas leġiżlattivi, il-protezzjoni tal-privatezza, is-sikurezza, ir-responsabbiltà u s-sigurtà tad-data.

B’mod ġenerali, jeħtieġ li l-UE tindirizza s-sitt sfidi li ġejjin li s-settur tat-trasport qed jiffaċċja:

- 1) isir tqabbil bejn l-oġettivi u l-prijoritajiet li jkunu kemm rilevanti kif ukoll li jistgħu jinkisbu u r-riżorsi disponibbli;
- 2) jiġu stabbiliti għodod effettivi ta’ infurzar fil-livelli tal-UE biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Istati Membri fir-rigward tal-infrastruttura jkunu allinjati aktar mill-qrib mal-prijoritajiet tal-UE, b’attenzjoni partikolari għas-sezzjonijiet transkonfinali;
- 3) il-finanzjament mill-UE jkun iffukat fuq il-prijoritajiet bl-ogħla valur miżjud tal-UE;
- 4) isir titjib fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta’ proġetti ffinanzjati mill-UE;
- 5) jiġi żgurat li ssir manutenzjoni adegwata tal-infrastruttura tat-trasport u li din tkun sostenibbli;
- 6) jissaħħu l-isforzi biex aktar merkanzija tiġi ttrasportata b’mezzi oħra minflok fuq it-triq.

Noti lill-Edituri

Analiżijiet panoramiċi huma dokumenti deskrittivi u analitiċi dwar oqsma ta’ politika jew kwistjonijiet ta’ ġestjoni kumplessi u fuq skala kbira, li fihom il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tippreżenta l-esperjenza u l-għarfien akkumulati tagħha dwar is-suġġett magħżul, spiss minn perspettiva trażversali. Għal hekk, dawn huma bbażati fil-biċċa l-kbira fuq informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku.

F’din l-analiżi, l-awdituri jiffukaw fuq investimenti fl-infrastruttura ffinanzjati mill-baġit tal-UE, filwaqt li jippreżentaw suġġetti trażversali li ġew identifikati f’awditi reċenti dwar kwistjonijiet relatati mal-mobbiltà u t-trasport. Barra minn hekk, huma jieħdu kont ta’ rapporti li nħarġu minn istituzzjonijiet supremi tal-awditjar oħra, kif ukoll ta’ dokumenti u data ewlenin relatati mal-politika tal-UE.

L-analiżi panoramika tal-QEA “Lejn settur tat-trasport ġewwa l-UE li jkollu suċċess: sfidi li jridu jiġu indirizzati” hija disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.